**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **65**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar It-Tlieta it-30 ta' Lulju, 2026 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Raġħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Il-Qrendi: | Iml-Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Is-Siġġiewi: | Il-Kunsillier is-Sur Charles Vassallo |
| Ħad-Dingli: | Il-Viċi Sindku is-Sur Miguel Abela |
| Ħal Kirkop: | Is-Sindku s-Sur Matthew Agius Zammit |
| L-Imqabba | Is-Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Ir-Rabat: | Is-Sindku s-Sur Sandro Craus |
| Ħal Safi | Is-Sindku s-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Is-Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Ħaż-Żebbuġ: | Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:30 ta' filgħaxija.

**65.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

65.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca u s-Sindku ta' Ħaż-Żebbuġ, is-Sur Steve Zammit Lupi

**65.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 64;**

Il-President ressaq għal approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 64 li saret nhar it-30 ta' Ġunju 2026.

Sekondant: is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima

**65.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

**65.04 Kommunikazzjoni mill-President**

65.04.01 Nhar it-30.06.26 irċivejna Cir AKL/Reġjui 007/2026_Join the NECE Festival 2026 – Lisbon, 14–16 October.

65.04.02 Nhar l-01.07.26 irċivejna mill-ERA li l-packaging market share tas-sena 2026 ser tkun, GreenPak 61% u GreenMt 39%. Il-Maniġer tal-Iskart staqsa jekk dan il-market share hux ser japplika mill-bidu tas-sena jew mit-30.06.2026 minħabba li diġa inħarġu l-fatturi lill-PROs. It-tweġiba li ingħatat mill-ERA kienet li dan jibda jgħodd mill-01.01.2026.

65.04.03 Nhar l-01.07.26 irċivejna Urban newsletter – Vol.3/2026.

65.04.04 Nhar l-01.07.26 il-President tal-AKL is-Sur Fava, bagħat email fejn irringrazzja lis-Sur Flores u lis-Sa Mercieca rigward ir-rakkomandazzjonijiet għall-awditjar tas-sistema LES sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u l-kontabbilta' li nġabu għall-attenzjoni mill-awdituri esterni fil-'management letter'. Talab ukoll meta għandna nistennew li jkunu finalizzati it-terms of reference biex idealment jkunu lesti fi żmien biżżejjed għall-għeluq tas-sena finanzjarja 2026.

65.04.05 Nhar l-01.07.26 irċivejna mill-JMI illi infetħu in-nominazzjonijiet għall-kandidati għall-elezzjonijiet 2026, li ser isiru online.

65.04.06 Nhar l-01.07.26 irċivejna it-tielet allokazzjoni għas-sena 2026.

65.04.08 Nhar it-03.07.26 irċivejna Cir AKL 2026/051 fejn għaddewlna kommunikat mibgħut mix-Xjenza Malta rigward it-tnedija l-iSTEAM Engagement Community Fund 2026. Dan il-fond jipprovdi appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjonijiet lokali biex imexxu proġetti bbażati fil-komunità u li huma relatati mal-iSTEAM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija, Arti u Matematika).

65.04.09 Nhar it-03.07.26 is-Segretajru Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilli Lokali li t-taħriġ mid-Data Protection Officer ser jsir nhar is-06.07.26.

65.04.10 Nhar it-03.07.26 is-Segretarju Eżekuttiv tal-AKL infurmat li qed tiġi ikkordinata laqgħa mal-permanent representative ġewwa Dar Malta matul il-Europen Week of Regions and Cities fi Brussell. Talbet sabiex Reġjuni li jkunu jixtiequ jagħtu donazzjoni ta' kotba jinġabru u ssir preżentazzjoni waħda, kif ukoll il-lista ta' rappreżentanti li ser jattendu.

65.04.11 Nhar it-03.07.26 irċivejna DOI - Press Release (PR261126), stqarrija mill-ministeru għall-agrikoltura, is-sajdu l-provista tal-ikel.

65.04.12 Nhar it-03.07.26 irċivejna UPDATE Cir AKL 2026/021_Arranġament dwar ħlasijiet lill-Pulizija u garanzija bankarja għal attivitajiet esterni.

65.04.13 Nhar is-06.07.26 irċivejna Erasmus+ and European Solidarity Corps Round 2 / October 2026 Calls Information Sessions.

65.04.14 Nhar is-06.07.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-NGOs dwar l-iSTEAM Engagement Community Fund 2026.

65.04.15 Nhar is-06.07.26 irċivejna POPC No - 78/2026 - Issuing of call for Contracts of Service - Regjun Punent. Fejn is-Sa Axiaq infurmat lis-segretarju ezekuttiv la darba taqbel mal-proċedura tibgħat il-formola ta' talba u ta' dikjarazzjoni. Wara dan il-proċess huma jibgħatu għall-apprivazzjoni tas-segretarju permanenti qabel ma nipprocedu bit-talba lill-MFIN.

65.04.16 Nhar is-07.07.26 irċivejna mill-esplora Ċirkulari: Tnedija ta' l-iSTEAM Engagement Community Fund 2026 | Circular: Launch of STEAM Engagement Community Fund 2026.

65.04.17 Nhar it-08.07.26 irċivejna SPI/SCI/05/2026-Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta'kwalita'.

65.04.18 Nhar it-08.07.26 il-Maniġier tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lis-Sindki u is-Segretarju Eżekuttivi li bħalissa qed naħdmu sabiex naġġornaw il-pubblikazzjoni tal-ktejjeb dwar il-lokalitajiet tar-Reġjun Punent li kienet ġiet ippubblikata fl-2022. Infurmat li bħala parti min dan l-aġġornament ser inkunu qed noħorġu żewġ verżjonijiet tal-pubblikazzjoni:

- Verżjoni għat-tfal u ż-żgħażagħ, li ser iżżomm il-logħob li jinsab fin-nofs u fl-aħħar paġni tal-pubblikazzjoni
- Verżjoni għall-adulti, li ser tinkludi l-istess informazzjoni iżda mingħajr il-logħob.

65.04.19 Nhar it-08.07.26 irċivejna Cir AKL 2026/052_Well Being Project: LCA. Ser ikunu qed jiġu organizati workshops dwar il-benesseri fuq il-post tax-xogħol bil-għan li jżidu l-għarfien dwar diversi suġġetti relatati mas-saħħa mentali, il-benesseri u l-prevenzjoni tal-abbuż minn sustanzi, filwaqt li jipprovdu għodod prattiċi li jistgħu jintużaw kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll fil-ħajja ta' kuljum.

65.04.20 Nhar it-08.07.26 irċivejna PQ 358-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi – Remote working.

L-ONOR JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi:

Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni jaħdmu permezz ta' remote working mal-Ministeru konċernat, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha?

Ir-Reġjun Punent wieġeb:

PQ358 – Remote Working

Għalkemm ir-Reġjun Punent m'għandu l-ebda ftehim uffiċċjali ta' Remote Working, kull rikjesta li ssir mill-impjegati tiġi ikkunsidrata u approvata jew le skond l-esiġenzi tax-xogħol.

65.04.21 Nhar id-09.07.26 irċivejna mis-Sur Stedall fejn infurmana li għadhu bla kuntratt imma xorta qed ikompli b'riċerka dwar ix-xufiera u l-kondutturi tal-karozzi tal-linja miz-żona taż-Żurrieq fis-snin 20 u 30.

65.04.22 Nhar id-09.07.26 il-President talab lill-Ministru Civelli sabiex jerġa jibda s-servizz ta' ħasil tat-toroq fil-Belt Mdina. Dan kien isir tal-anqas darba fil-ġimgħa mid-Dipartiment tal-Cleansing sabiex tinżamm l-indafa fil-Belt kapitali antika.

65.04.23 Nhar l-10.07.26 irċivejna Cir AKL 2026/053 Group Life Policy 2026 - 2027 għal Membri Eletti.

65.04.24 Nhar l-10.07.26 id-Direttur Desira informa lill-President li fl-Imdina m'hemm l-ebda ftehim jew MOU bejn id-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni u l-Kunsill Lokali. Informa li id-Diviżjoni għat-Tindif u l-Manutenzjoni mhijiex marbuta li tipprovdi servizzi ta' tindif jew ħasil tat-toroq fil-lokalità. Minn żmien għal żmien, lokalitajiet li ma għandhomx MOU mad-Diviżjoni jitolbu assistenza għal operazzjonijiet ta' tindif jew ħasil tat-toroq, kull servizz ipprovdut ikun soġġett għall-ħlas u jiddependi fuq id-disponibbiltà tar-riżorsi.

65.04.25 Nhar l-10.07.26 il-President wieġeb lid-Direttur Desira li s-servizz tal-ħasil tat-toroq kien qed jingħata mingħajr ħlas fuq bażi turistika, proprju minħabba l-importanza storika u turistika tal-Imdina bħala l-Belt Kapitali l-antika. Talab sabiex tinstab soluzzjoni li tpoġġi l-interess nazzjonali u turistiku.

65.04.26 Nhar it-13.07.26 irċivejna il-verzjoni finali tal-logo magħzul għar -Reġjun Kulturali 2027.

65.04.27 Nhar it-13.07.26 irċivejna Cir AKL 2026/049_AI for All in Local Councils, ittra mibgħuta mill-Malta Digital Innovation Authority.

65.04.28 Nhar l-14.07.26 irċivejna mis-SEM li flimkien mal-Ministeru tal-enerġija, l-ambjent u r-riġenerazzjoni tal-port il-kbir se jorganizzaw attività fid-Dwejra Għawdex bħala parti mill-kampanja Saving Our Blue.

65.04.29 Nhar l-14.07.26 irċivejna mis-Sa Cerovac dwar sessjonijiet ta' informazzjoni li ser jsiru fuq sports, żgħażagħ, ESC u re-think and re-submit.

65.04.30 Nhar il-15.07.26 is-Sur Gatt informa li fl-aħħar xhur l-ANSEK bdiet inizjattiva ta' filmati qosra li jipprovdu informazzjoni dwar liġijiet u regolamenti li jaffettwaw lill-Kunsilli Lokali u l-ħidma ta' dawk kollha involuti. Fost is-suġġetti indirizzati hemm kif jitressqu l-mozzjonijiet, kif isiru l-mistoqsijiet waqt il-laqgħat tal-Kunsill, kif għandha titmexxa laqgħa tal-Kunsill, kif ukoll diversi aspetti oħra relatati mal-governanza u l-amministrazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

65.04.31 Nhar il-15.07.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Kunsill Malti għall-Arti nieda Legal and Finance Grant 2026, skema ġdida ta' finanzjament maħsuba biex tappoġġja artisti, professjonisti kreattivi u organizzazzjonijiet kulturali fl-aċċess għal

servizzi legali u finanzjarji speċjalizzati.

65.04.32 Nhar il-15.07.26 irċivejna PQ 406 - MINISTERU GĦALL-GVERN LOKALI U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – REDUCED HOURS.

L-ONOR. MICHAEL PICCININO staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi:

Tista' l-Ministru tgħid kemm huwa n-numru ta' ħaddiema li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tagħha, inklużi dawk impjegati fid-dipartimenti u fl-entitajiet li jaqgħu taħtha, li matul is-sena 2026 kienu qegħdin jaħdmu b'sigħat imnaqqsa (reduced hours)?

Ir-Reġjun Punent wieġeb illi ma kellu l-ebda impjegati jaħdmu b'siegħat mnaqqsa fis-sena 2026.

65.04.33 Nhar il-15.07.26 irċivejna mis-Sa Porretta dwar l-obbligu legali ta' kull Kunsill Lokali li jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv, li għandu jwettaq il-funzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv kull meta l-kariga tkun vakanti jew kull meta s-Segretarju Eżekuttiv ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu għal xi raġuni. Il-President informa lis-Sa Armeni li sakemm isib persuna affidabbli u indipendenti li ma jkollhiex kunflitt ta' interess, din il-kariga se tibqa vakanti.

65.04.34 Nhar is-16.07.26 irċivejna t-template il-ġdid tal-Quarterly Report b'referenza għaċ-Ċirkulari 6/2026.

65.04.35 Nhar is-16.07.26 irċivejna mis-Sur Gatt dwar il-programm ta' taħriġ ACHIEVE – Essential People Skills for Local Governance. Huwa faħħar l-inizjattiva tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali li permezz tal-programm ESF+.03.246 – Lifelong Learning as a Key to Better Governance at a Regional and Local Level qed jagħti opportunità lill-uffiċjali fil-qasam tal-Gvern Lokali.

65.04.36 Nhar is-16.07.26 is-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni infurmatna li l-15.10.26 hija d-data ikkonfermata għaż-żjara tad-delegazzjoni f'Dar Malta fi Brussell.

65.04.37 Nhar l-20.07.26 irċivejna li l-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qed iħejji programm ta' attivitajiet bħala parti mill-Ġimgħa Ewropea għall-Iżvilupp Sostenibbli 2026. L-għan tal-jiem t'azzjoni huwa li jippromwovu u jrawwmu kuxjenza dwar l-iżvilupp sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) relatati miegħu, kif ukoll li jispiraw aktar organizzazzjonijiet biex jieħdu azzjoni u juru l-impenn tagħhom favur is-sostenibbiltà.

65.04.38 Nhar l-20.07.26 irċivejna Cir AKL 2026/054_Żjara l-Vatikan. l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet f'diskussjonijiet mal-Eċċellenza Tiegħu s-Sur Frank Zammit dwar il-possibbiltà li tiġi organizzata udjenza mas-Santità Tiegħu l-Papa Iljun XIV għall-grupp ta' Sindki Maltin fil-Belt tal-Vatikan. L-udjenza uffiċjali mas-Santità Tiegħu hija riservata esklussivament għas-Sindki u Presidenti Reġjonali.

65.04.39 Nhar l-20.07.26 irċivejna ESF+.03.243 - Specialised Local Training for Malta's Cultural and Creative Sectors.

65.04.40 Nhar il-21.07.26 irċivejna Cir AKL 2026/055_Sejħa għal Espressjoni ta' Interess - Smart City Expo World Congress Barcelona 3-5 ta' Novembru 2026.

65.04.41 Nhar il-21.07.26 irċivejna mis-Sustainable Development Directorate dwar l-għotjiet *Malta's Sustainable Development Action Awards* li twaqqfu sa biex jirrikonoxxu, jippromwovu, jiċċelebraw u jippremjaw individwi, NGOs, negozji, timijiet akkademiċi u istituzzjonijiet jew entitajiet pubbliċi li qed imexxu l-ħidma favur l-innovazzjoni u l-prattiki sostenibbli, bil-għan li tissaħħaħ is-sostenibbiltà ekonomika, soċjali u ambjentali.

65.04.42 Nhar it-22.07.26 irċivejna mill-ERA posts relatati mas-separazzjoni tal-iskart.

65.04.43 Nhar it-23.07.26 irċivejna PQ437 Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi – Awditur Ġenerali – Rakkomandazzjonijiet.

PQ 437 (written)- L-ONOR DARREN CARABOTT staqsa lill-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi:

Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm rakkomandazzjonijiet mill-Awditur Ġenerali jew minn awtoritajiet regolatorji li ġew implimentati mill-Ministeru u/jew mill-entitajiet li jaqgħu taħtha matul l-aħħar ħames snin?

Ir-Reġjun Punent wieġeb:

| Isem il-Kunsill | Numru ta' rakkomandazzjonijiet mill-Awditur Ġenerali/ Awtoritajiet Regolatorji | Kemm minn dawn ġew implimentati? |
|---|---|---|
| Regjun Punent | 7 | 7 |
| | 8 | 8 |
| | 15 | 15 |
| | 6 | 6 |

65.04.44 Nhar l-24.07.26 ġejna infurmati li n-nomina għall-Premju għall-Arti 2026 ġiet milqugħa b'suċċess.

65.04.45 Nhar il-25.07.26 irċivejna mis-Sa Mifsud il-kap il-ġdid tal-operazzjonijiet fi ħdan is-Seminarju stednitna għal-laqgħa sabiex taqsam magħna xi aġġornamenti dwar il-kampus. Din ser issir nhar it-13.10.2026.

65.04.46 Nhar is-26.07.26 il-President bagħat lis-Sur Vassallo dwar direzzjoni sabiex is-sitwazzjoni dwar is-servizz ta' ħasil tat-toroq fil-Belt Mdina tiġi indirizzata.

65.04.47 Nhar it-27.07.26 irċivejna mill-Malta Crafts dwar Festa Ilwien li ser issir nhar is-07.08.26.

65.04.48 Nhar it-28.07.26 ġejna avviċinati mis-Sa Ghirxi rigward it-tielet edizzjoni tal-forum dwar Iżvilupp Sostenibbli li se jlaqqa' flimkien parteċipanti minn Ministeri u Entitajiet tal-Gvern, kunsilli lokali u reġjonali, NGOs, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, l-akkademja, u s-settur privat. Il-programm se jinkludi total ta' disa' workshops, diskussjonijiet f'panel, u preżentazzjonijiet imqassma fi tliet sessjonijiet tematiċi, li kull waħda minnhom iddum madwar siegħa.

65.04.49 Nhar it-28.07.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej fakkret lis-sindki dwar l-informazzjoni tal-ktejjeb u sabiex jinfurmawna b'xi emendi li jixtiequ jagħmlu.

65.04.50 Nhar it-29.07.26 irċivejna mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi rigward sospensjoni tas-servizz tal-ġbir ta' ħwejjeġ użati.

65.04.51 Nhar id-29.07.26 irċivejna Cir AKL/Regjuni 008/2026_Our Multilevel Water Governance Training.

65.04.52 Il-President fakkar illi l-iskema finanzjarja ta' Slow Streets and Tactical Urbanism funding għada miftuħa u li dawn il-fondi jistgħu jintużaw ukoll sabiex jiġu attwati rakkomandazzjonijiet minn Rota.mt sabiex titjieb ir-rotta tal-EuroVelo.

**65.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet**

65.05.01 Il-President informa li fil-kwistjoni rigward is-sospensjoni tas-servizz tal-ġbir ta' ħwejjeġ użati, kienet diskussa fl-AKL u minħabba li dawn qatt ma preżentaw x'qed isir mill-materjal miġbur, mhumiex favur ebda ħlasijiet rikjesta minn Refab LightBlu Partnership.

65.05.02 Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus staqsa jekk hemmx proċedura formali li tintuża f'każ t' ilmenti minn residenti li jkunu ġarrbu ħsarat fil-karozzi tagħhom minħabba xi nuqqas jew ħsarat fil-wiċċ tat-triq.

**65.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

**65.07 Approvazzjoni ta' Xiri**

**65.08 Skeda tal-Pagamenti Nu.52**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Nru 52.

Proponent: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**65.09 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Q2 2026**

Wara li ta spjega dettaljata, il-President ressaq għall-approvazzjoni r-Rapport Finanzjarju Q2 2026.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit
Il-Kunsill qabel unanimament.

**65.10 Rapporti tal-Maniġers**

**65.10.01** Rapport tal-Maniġer tal-iskart

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-iskart għall-perjodu April sa Ġunju 2026.

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament

**65.10.02** Rapport tal-Maniġer tal-Ambjent

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Ambjent għall-perjodu April sa Ġunju 2026.

Sekondant: Il-Kunsillier tas-Siġġiewi, is-Sur Charles Vassallo
Il-Kunsill qabel unanimament

**65.10.03** Rapport tal-Maniġer tal-Proġetti

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Proġetti għall-perjodu April sa Ġunju 2026.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq, is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

**65.10.04** Rapport tal-Maniġer tal-IT

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-IT għall-perjodu April sa Ġunju 2026.

Sekondant: Il-Viċi President u Sindku tal-Qrendi, is-Sur David M. Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

**65.10.05** Rapport tal-Maniġer tal-Kultura

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Kultura għal perjodu April sa Ġunju 2026.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**65.10.06** Rapport tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej

Il-President ippreżenta għall-approvazzjoni ir-rapport tal-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej għal perjodu April sa Ġunju 2026.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament

**65.11 Feral Pigeon Lure Cages**

Il-President informa li l-Environmental Health Directorate se jkun qed jmur fil-lokalitajiet skond l-iskeda b'gaġeġ bil-qisien sa massimu ta'150x50x33cm sabiex jinqabad ħamiem selvaġġ. Dan wara li inġiebu permessi meħtieġa mill-Ornis, Birdlife u ERA. Il-President ippropona illi ir-Reġjun jipprovdi numru ta' gaġeġ simili lill-Kunsilli Lokali sabiex jkunu disponibbli matul is-sena kollha u mhux biss meta jmisshom skond l-iskeda.

Il-membri preżenti qablu li qabel jinxtraw dawn il-gaġeġ għandu jingħata ftit żmien ħalli jaraw l-effetivita' tagħhom u jekk iħallux ir-riżultati mixtieqa.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 65.12 Materji Oħra

### 65.12.01 Espressjoni t'interess għal Cultural Programme & Communications Coordinator

Il-President ippropona illi il-bord tal-għażla għall-intervisti tal-Cultural Programme and Communications Coordintator jkunu is-Sinjuri **KX , BB u CM.**

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

### 65.12.02 Malta Region of Culture 2027 – Project Alice Raymond Artist

Il-President ressaq għall-approvazzjoni proposta li irċivejna mingħand is-Sa Alice Raymond għall-proġett ta' arti għas-sena tar-Reġjun tal-Kultura 2027

Il-Kunsill m'approvax din il-proposta unanimement

### 65.12.03 Programm tal-Attivitajiet għar-Reġjun Kulturali 2027

Il-President flimkien mal-Maniġer tal-Kultura taw l-ewwel spjega dettaljata tal-programm tas-sena tar-Reġjun tal-Kultura 2027.

Il-Kunsill qabel illi dan is-suġġett jiġi diskuss aktar fid-dettall fil-laqgħa li jmiss u jiġu mistiedna ukoll il-Kunsilliera responsabbli mill-Kultura.

### 65.12.04 Neptunes Water Polo

Wara li ingħatat kjarifika li saret mal-PA dwar l-użu tad-Developement Planning Fund minn Non Local Council Bodies, il-President ressaq għall-approvazzjoni MOU propost minn Neptunes WPSC sabiex ir-Reġjun jagħti l-appoġġ tiegħu sabiex tiġi żviluppata pixxina ġewwa Ħaż-Żebbuġ għall-użu tal-kommunita'.

Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta unanimament.

### 62.12.05 Logo tar-Reġjun tal-Kultura

Il-President ippropona illi fuq rakkomandazzjoni tal-bord intgħażel il-logo għar-Reġjun tal-Kultura u ressqu għall-approvazzjoni

Sekondant: Is-Sindku tar-Rabat is-Sur Sandro Craus
Il-Kunsill qabel unanimament.

**65.13 Tmiem il-laqgħa**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **l- 25 ta' Awwissu 2026 fil-17:00.**

| | |
|---|---|
| Sandro Azzopardi | Tania Farrugia |
| President Reġjun Punent | Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum